

Brussell, 26 ta' Frar 2025
(OR. en)

6350/25

SOC 80
EMPL 54
AG 18
COH 5
SAN 58

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2025: Sfidi tat-trasformazzjoni minħabba t-tixjiħ – Inċentivi u soluzzjonijiet sistemiċi għall-promozzjoni ta' attività professjonali volontarja u estiża ta' persuni akbar fl-età - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-
ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tal-10 ta' Marzu 2025.

Bħalissa, il-persuni akbar fl-età spiss ikunu esposti għal riskju għoli ta' faqar, filwaqt li l-kontribut kontinwu tagħhom għall-ekonomija u s-soċjetà ma jkunx kompletament rikonoxxut. Is-sottovalutazzjoni u anke d-diskriminazzjoni jew l-esklużjoni jixħtu dell fuq l-aħħar snin ta' ħafna persuni akbar fl-età.

Minkejja li r-rati ta' attività u ta' impjieg ta' persuni ta' bejn il-55 u l-64 sena żdiedu mill-2009, dawn xorta għadhom ferm aktar baxxi minn daww ta' ħaddiema ta' età primarja, speċjalment fost in-nisa akbar fl-età, li jissuġġerixxi li għad hemm potenzjal mhux sfruttat għal aktar attivazzjoni. Ir-rata tal-qgħad fit-tul (12-il xahar jew aktar) hija wkoll ħafna ogħla fost il-ħaddiema akbar fl-età milli fi gruppi ta' età oħra. L-attivazzjoni ta' persuni akbar fl-età tista' tgħin biex jittaffa l-impatt negattiv tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tal-UE, u ż-żieda mistennija fin-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema. Huma meħtieġa politiki mfassla apposta biex jindirizzaw l-ostakli speċifiċi għall-impjieg li jiffaċċjaw persuni akbar fl-età, bħad-diskriminazzjoni abbażi tal-età fir-reklutaġġ. Il-politiki dwar l-impjieg għandhom it-tendenza li jiffukaw prinċipalment fuq adulti fl-"età tax-xogħol" li jillimitaw l-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg jew l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti għal persuni fl-età tal-pensjoni. Barra minn hekk, id-disponibbiltà limitata ta' servizzi tal-kura hija ta' piż fuq ir-responsabbiltajiet ta' kura informali ta' nisa akbar fl-età u taffettwa b'mod negattiv il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Ta' spiss it-teknoloġija diġitali titqies bħala mod kif jiġu pprovduti soluzzjonijiet għal forza tax-xogħol li qed tixjieħ. Madankollu, possibbilment jista' jsir aktar biex jiġu żgurati l-ħiliet diġitali meħtieġa, kif ukoll l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u d-disponibbiltà ta' teknoloġiji ġodda, li jqajjem għadd ta' problemi, inkluż riskju ċar ta' esklużjoni ta' xi persuni.

Lil hinn mis-servizzi speċifiċi għal persuni akbar fl-età, bħall-kura fit-tul, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà u l-promozzjoni tal-inklużjoni ta' persuni akbar fl-età jeħtieġu aċċess ugwali għas-servizzi ġenerali. It-tixjiħ għadu fil-biċċa l-kbira kkunsidrat bħala spiża, pjuttost milli kif iż-żieda fil-lonġevità tista' tiġi sfruttata bħala opportunità, u għadu prijorità baxxa fuq ħafna mill-aġendi tal-gvernijiet.

Il-politiki nazzjonali għandhom jintegraw it-tixjiħ u l-mekkaniżmi ta' appoġġ xierqa għal persuni akbar fl-età fl-ippjanar soċjali u ekonomiku. Il-politiki dwar l-impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa, it-trasport, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta' persuni akbar fl-età. Dawn l-oġettivi settorjali għandhom jiġu integrati wkoll fi strateġiji soċjali usa'.

Is-sistemi tal-pensjonijiet jistgħu jiffaċilitaw ukoll ħaġġa tax-xogħol itwal, b'mod partikolari billi jippermettu lill-individwi jikkombinaw il-pensjoni ma' attività professjonali kontinwa jew billi jżidu l-inċentivi għal parteċipazzjoni estiża. Il-fatturi li għandhom jitqiesu jinkludu t-trattament ġust tad-dħul bikri tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol jew impjegati f'impjegi fiżikament eżiġenti jew perikolużi, jew il-kombinazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-familja u tal-kura, il-ħtieġa li jiġu ppreservati l-opportunitajiet għar-ridistribuzzjoni fost il-gruppi li jiġġeneraw l-introjtu, u l-protezzjoni tal-waqfiet fil-karriera.

Fil-livell tal-UE, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Istrateġija Ewropea għall-Kura kollha jenfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat li l-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni akbar fl-età jkomplu jiġu inklużi b'mod attiv fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà usa'. Biex tiżdied il-konverġenza soċjali u tinbena Ewropa Soċjali aktar b'saħħha, il-Kummissjoni stabbiliet mira li 78 % tal-Ewropej jkunu impjegati sal-2030. Hawnha mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma rilevanti għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu – mill-aċċess għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja u l-opportunitajiet indaqs, l-introjtu u l-pensjonijiet għall-kura fit-tul u l-kura tas-saħħa jew kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Biex jinkiseb dan, l-UE u l-Istati Membri tal-UE ser ikollhom bżonn ikompli jinvestu f'impjegi u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità u inklużivi għal kulħadd, inklużi l-ħaddiema akbar fl-età.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru ssarraf f'għadd sostanzjali ta' inizjattivi b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam soċjali, li hawnha minnhom għandhom impatt dirett fuq persuni akbar fl-età. L-aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tinkludi azzjonijiet biex il-perkorsi ta' taħriġ isiru aktar flessibbli u adattati għal soċjetajiet li qed jixxjeħu f'perspettiva tul il-ħajja. L-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fil-kuntest ta' soċjetajiet li qed jixxjeħu huma wkoll waħda mill-prijoritajiet tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021-2027.

Il-bidliet demografiċi jgħolqu sfidi ġodda għalina u jirrikjedu, fost l-oħrajn, ħajja tax-xogħol itwal. Ir-reazzjoni politika għal dawn l-isfidi trid tqis l-iskuntentizza popolari bil-proposti għaż-żieda fl-età tal-irtirar u għalhekk tfitteż modi biex tistimula b'mod pożittiv l-attività volontarja tas-suq tax-xogħol. L-ewwel nett, jeħtieġ li nneħħu l-ostakli li l-ħaddiema akbar fl-età jiffaċċjaw bħalissa sabiex jibqgħu fis-suq tax-xogħol u noffru soluzzjonijiet imfassla apposta biex tiġi żgurata kwalità għolja tal-ħajja tax-xogħol. L-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet Ewropej, għandhom jadottaw approċċ li jirrifletti r-realtajiet tal-ħajja u l-impatt tal-impjiegi fuq il-ħajja tal-individwu, filwaqt li jħaddan il-potenzjal sħiħ u l-esperjenza tal-persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Uħud mill-miżuri proposti qed jimxu fid-direzzjoni t-tajba, bħall-enfasi b'saħħitha fuq it-tagħlim tul il-ħajja.

Minħabba l-eteroġeneità tas-suq tax-xogħol, inkluż id-diversità tas-setturi, il-professjonijiet, it-tipi ta' impjiegi u l-kuntratti, għandna nidentifikaw politiki u prattiki li jsaħħu l-pożizzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età.

Filwaqt li ħafna mill-politiki pubbliċi li jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' persuni akbar fl-età huma primarjament il-kompetenza tal-Istati Membri, it-tixjiħ tal-popolazzjoni għandu impatt konsiderevoli fuq il-provvista tax-xogħol, u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Għalhekk, hija sfida li jistħoqqilha attenzjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi adottat approċċ olistiku billi tingħata l-istess importanza lill-politiki li jappoġġaw it-tixjiħ attiv, l-estensjoni volontarja tal-ħajja tax-xogħol u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' persuni akbar fis-soċjetà.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE għaddiet minn bidliet profondi, u adattat il-prijoritajiet politiċi tagħha għall-isfidi quddiemha. L-UE hija determinata li tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha filwaqt li ssaħħaħ l-ekonomija soċjali tas-suq u tipproteġi s-sovranià, is-sigurtà ekonomika u l-influwenza globali tagħha.

Bħala l-mekkaniżmu ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri, is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi meħtieġa. Is-Semestru Ewropew ser ikompli jidentifika l-isfidi soċjoekonomiċi u jipprovdi gwida dwar l-azzjonijiet ta' politika meħtieġa biex dawn jiġu indirizzati, sabiex titjieb il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali tal-UE.

L-għan tas-Semestru Ewropew 2025 huwa li jagħmel lill-UE aktar kompetittiva u valida għall-futur billi jappoġġa l-progress lejn ekonomija ekoloġika, diġitali, inklużiva u reżiljenti.

Sa issa, is-Semestru analizza l-isfidi relatati mat-tixjiħ u analizza wkoll f'xi aspetti l-potenzjal tal-ħaddiema akbar fl-età, filwaqt li rrakkomanda aktar taħriġ u ħolqien tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa u tal-kura fit-tul, li huwa meħtieġ biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem akbar għal servizzi ta' kura marbuta mat-tixjiħ tal-popolazzjoni, u haress ukoll lejn l-importanza tal-integrazzjoni tal-ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol biex jirrispondu għan-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema. Madankollu, jista' possibbilment ikompli jenfasizza fuq persuni akbar fl-età bħala riżorsa tal-forza tax-xogħol b'ħiliet, esperjenza, u potenzjal, jew fuq it-titjib tas-saħħa jew is-snin ta' ħajja b'saħħitha. Ir-rati baxxi ta' impjieg ta' persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol u l-kawżi tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati.

Fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE għall-Kura (2022) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2023), li tikkonferma r-rwol tas-Semestru fit-twettiq tal-Istrateġija, aħna nemmnu li għandha tingħata attenzjoni lill-politiki tas-saħħa u tal-kura fit-tul minn perspettiva ċċentrata fuq il-pazjent. Is-Semestru għandu jkompli jqis ukoll ir-rati tal-faqar u l-esklużjoni soċjali ta' persuni akbar fl-età, speċjalment in-nisa akbar fl-età, fil-livell tal-UE. Fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet, tista' tissemma l-parteċipazzjoni baxxa minn persuni akbar fl-età fl-edukazzjoni għall-adulti.

Jekk l-għan tagħna huwa li nżidu l-isforzi biex nippromwovu ekonomija reżiljenti u inklużjoni soċjali, allura għandna nikkunsidraw il-mod li bih irridu li s-Semestru Ewropew janalizza l-politiki pubbliċi dwar it-tixjiħ b'mod ġenerali, u b'mod partikolari, l-inċentivi pożittivi għal ħajja tax-xogħol, u nagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kif xieraq.

F'dan il-kuntest, il-ministri kienu mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) *X'inċentivi ta' politika juża pajjiżek biex jippromwovi ħajja tax-xogħol itwal?*
- 2) *Taħseb li s-Semestru Ewropew diġà jipprovdi biżżejjed attenzjoni għall-isfidi u l-opportunitajiet relatati mat-tixjiħ, jew li għandha tingħata aktar attenzjoni lil xi wħud minnhom, u f'dak il-każ liema?*
